# Referendum dwar il-Vuċi Aboriġina u tal-Gżejjer ta' Torres Strait

Il-votanti Awstraljani dalwaqt ser ikunu mitluba li jivvutaw f'Referendum. Ir-Referendum ser jistaqsi jekk għandux ikun hemm Vuċi Aboriġina u tal-Gżejjer ta' Torres Strait għall-Parlament fil-Kostituzzjoni. Il-Parlament huwa l-korp li jagħmel liġijiet għall-Awstralja.

## X'inhi l-Vuċi għall-Parlament?

Il-Vuċi hija mezz għall-Poplu Aboriġinu u tal-Gżejjer ta' Torres Strait biex jagħti parir lill-Gvern dwar liġijiet li jolqtuhom. Li tinkiteb il-Vuċi fil-Kostituzzjoni ser tfisser li l-Vuċi ser ikollha rwol permanenti li tipprovdi pariri lill-Gvern dwar kwistjonijiet li jolqtu lill-Popli Aboriġini u tal-Gżejjer ta' Torres Strait. Il-Vuċi għall-Parlament ser tkun opportunità għall-Popli Aboriġini u tal-Gżejjer ta' Torres Strait biex ikunu rikonoxxuti kostituzzjonalment u biex il-kultura tagħhom tkun rikonoxxuta u ċelebrata.

## Għaliex il-Poplu Aboriġinu u tal-Gżejjer ta' Torres Strait qed jitlob għal Vuċi għall-Parlament?

Il-Popli Aboriġini u tal-Gżejjer ta' Torres Strait ilhom jitolbu biex ikunu rikonoxxuti mill-Gvern għal kważi 100 sena. Il-Popli Aboriġini u tal-Gżejjer ta' Torres Strait jafu l-komunitajiet u l-kultura tagħhom l-aħjar. Huma jafu l-aqwa soluzzjonijiet biex jilqgħu l-isfidi li jiffaċċjaw il-komunitajiet tagħhom li jistgħu joħolqu esperjenza aktar ġusta u ugwali għall-Popli Aboriġini u tal-Gżejjer ta' Torres Strait.

## X'ser tagħmel il-Vuċi għall-Parlament?

Il-Vuċi ser tisma' pariri mill-Poplu Aboriġinu u tal-Gżejjer ta' Torres Strait dwar kwistjonijiet li jolqtu lil ħajjithom, biex il-Gvern ikun jista' jieħu deċiżjonijiet aħjar li jkollhom impatt fuq il-Popli Aboriġini u tal-Gżejjer ta' Torres Strait.

## Min ser jirrappreżenta l-Vuċi għall-Parlament?

Il-Vuċi ser tkun grupp mill-Poplu Aboriġinu u tal-Gżejjer ta' Torres Strait minn kull stat u territorju inkluż postijiet remoti. Ir-rappreżentanti ser ikunu magħżula mill-Poplu Aboriġinu u tal-Gżejjer ta' Torres Strait fil-lokalità tagħhom.

## Il-Poplu Aboriġinu u tal-Gżejjer ta' Torres Strait ġie kkonsultat fuq il-Vuċi għall-Parlament?

Eluf ta' Popli Aboriġini u tal-Gżejjer ta' Torres Strait taw pariri dwar għaliex hemm bżonn tal-Vuċi u kif għandha taħdem għal ħafna snin. Aktar minn 80% tal-Poplu Aboriġinu u tal-Gżejjer ta' Torres Strait jissapportjaw Vuċi għall-Parlament.

## X'jgħidu l-esperti legali?

Avukati kostituzzjonali inkluż dawk li jirrappreżentaw lill-Gvern Federali qalu li l-Vuċi hi legalment b'saħħitha u ser ittejjeb is-sistema tal-gvern tagħna.

## Il-Vuċi tista' tagħmel liġijiet?

Le. Il-Vuċi mhux ser ikollha l-poter li tagħmel liġijiet. Ser tipprovdi biss pariri fuq kwistjonijiet li jaffettwaw lill-Popli Aboriġini u tal-Gżejjer ta' Torres Strait.

## X'mistoqsija ser jistaqsi r-Referendum tal-Aboriġini u tal-Gżejjer ta' Torres Strait?

"Liġi Proposta: biex tinbidel il-Kostituzzjoni biex tirrikonoxxi l-Popli Aboriġini u mill-Gżejjer ta' Torres Strait tal-Awstralja billi tistabbilixxi Vuċi Aboriġina u tal-Gżejjer ta' Torres Strait. Inti tapprova din il-bidla proposta?"



Awtorizzat minn Tabatha Feher, Life Without Barriers, L6, 107 Pitt St, Sydney, NSW.

## Kif nivvota fir-Referendum?

Referendums huma bħall-elezzjonijiet. Ser tingħata karta tal-vot bil-mistoqsija t'hawn fuq u trid tikteb 'YES' (IVA) JEW 'NO' (LE) bl-Ingliż biex il-vot tiegħek ikun magħdud. Jekk tikteb 'YES" ifisser li inti taqbel li l-Popli Aboriġini u tal-Gżejjer ta' Torres Strait għandhom ikollhom vuċi fi kwistjonijiet li jaffetwawhom direttament.

## X'jiġri jekk il-maġġoranza tal-poplu tivvota YES (IVA)?

Jekk il-maġġoranza tal-poplu tivvota 'Yes' għall-Vuċi, imbagħad il-Gvern ser jikkonsulta mal-Poplu Aboriġinu u tal-Gżejjer ta' Torres Strait biex jiffinalizza d-disinn u jgħaddi l-liġijiet relevanti biex jistabilixxi l-Vuċi.

## X'jiġri jekk il-maġġoranza tal-poplu tivvota NO (LE)?

Jekk il-maġġoranza tal-poplu tivvota 'No', xejn ma jinbidel. Il-kwistjonijiet iffaċċjati mill-Poplu Aboriġinu u tal-Gżejjer ta' Torres Strait ser ikomplu. Li tivvota 'No' ifisser li inti tivvota le għall-Vuċi, m'hemm l-ebda alternattiva li tissapportja l-Popli Aboriġini u tal-Gżejjer ta' Torres Strait f'dan ir-Referendum.

## Fejn nista' nikseb aktar informazzjoni?

**aktar informazzjoni**

www.lwb.org.au



Awtorizzat minn Tabatha Feher, Life Without Barriers, L6, 107 Pitt St, Sydney, NSW.